# Ir-Raġel tal-Kastelli fl-Ajru

Kit Azzopardi

Wara li dfinna lil nannti fiċ-ċimiterju f'tarf ir-raħal, niftakarni nħares lejn is-sħab: Is-suriet strambi ta' dawk l-imkejjen merfugħa minna fakkruni fi ħrafa li kienet tgħidli b'par għajnejn mimlija għoġba u b'ħajta swied il-qalb.

Il-ħrafa kienet tibdieha l-istess kull darba: "Ħafna u ħafna żmien ilu, f'raħal żgħir ġewwa gżira mhux 'il bogħod, kien wasal raġel bl-isem ta' Ameen …"

Mal-isem ta' Ameen u l-ħars fiss ta' nannti, kont inkun ġa nħkimt mis-seħer u l-istħajjil li tnissel fija dil-istorja. Għadni s'issa ma nafx jekk nannti kinetx tgħallmet bl-amment dil-ġrajja hija wkoll, jew kinetx tirrakkonta l-istorja mill-memorja. Għax tgħid, għajnejha donnhom kienu jixegħlu u jiddallmu skont il-burdati tar-rakkont, u dejjem bżajt nistaqsiha sewwasew fiex tidħol; hix biss rakkontatriċi jew attriċi hi stess.

"Dan Ameen ħadd ma rah u ħadd qatt ma sema' bih qabel ma wasal fir-raħal tagħna, u la ma ta fastidju 'l ħadd u ħadd ma kisirha minn miegħu, ħallejnieh joqgħod magħna."

Xufftej' nannti kienu jiżfnu żifna kajmana jien u nistħajjilha ttiegħem il-kliem li tgħid. "Qatt ma naqas milli jħallas għax-xirjiet u dejjem sellem, u għall-ewwel kera fil-kunvent. Imbagħad," kienet tgħidli, "beda jibni biċċ'art. Id-dar tiegħu donnu ħadd ma ttenda biha tinbena għax bnieha fis-skiet u ma ħaddem 'il ħadd ... Kienet dar minn dawn iż-żgħar, b'bitħa fuq wara, u l-unika stramberija kienet it-tromba mill-kbar fuq il-bejt."

* * *

"L-istorja ta' Ameen, għandi x'nifhem, kienet tibda f'jum ta' kalma u bi sħab tar-riħ." Pete, bilqiegħda fuq ħoġri, m'għadux jongħos; issa stenbaħ, b'għajnejh imberrqa. "Dakinhar kien wasal fir-raħal b'borża marbuta wara dahru u b'borża oħra tal-fidda ġewwa ħżiemu ... In-nies ħarset lejh suspettuża iżda maż-żmien dratu sew. Dratu jiċċassa jintilef fi ħsiebu. Dratu jaqra l-kotba kurjużi u l-istilel tard billejl. Dratu jġib il-ħġiġiet minn barra, jgħaqqadhom f'kanna tal-ħadid, u jħares 'il barra minnhom, fid-dawl u fid-dlam. U ġieli, biex ma tagħmihx ix-xemx, kien jarma bi ħġiġiet suwed."

"Nannti kienet tgħidli li għall-ewwel kien isaħħar għal warajh lit-tfal bil-ħeffa ta' jdejh, u lit-tfajliet bil-logħob tat-tfal. Arah jiġbed l-imkatar minn wara widnejhom, jew jisparixxilhom xi ċurkett minn idhom malli jnewluhielu, biex imbagħad jiġbru minn imkien!"

Imma aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jistrambja ruħu; stajt tarah jintelaq iżjed għal xogħlu, jinsa t-tfal iħambqu taħt tieqtu, jiffissa ħarstu fis-smewwiet, donnu jrid jinfed is-sema ċlampu u jara x'hemm warajh. Nannti qaltli li darba stqarrilha, f'okkażjoni li qatt ma fettqet dwarha, li ġie hawn għax sema' li t-tfajla li xeħet ħarstu fuqha rawha 'l hemm: "Kienet tfajla tal-ħolm," kien qalilha, "Ġilditha magħmula mis-sħab, idejha u difrejha mill-qamar, ħarsitha mix-xemx … Kull belt u raħal dort, u dal-post l-aħħar tam'għalija."

Il-kwalitajiet smewwija li kien jagħti lil dit-tfajla ma kontx issibhom fih. Jekk xejn, kien iktar bniedem tal-art: Ġildtu magħmula mill-ħamrija, idejh u difrejh donnhom ħaġar tal-qawwi, għajnejh għerien. Forsi għalhekk kienu jiġġennu warajh it-tfajliet tar-raħal – u għandi x'nifhem – nannti magħhom … għax id-dalma u l-fond t'għajnejh kienu mlebilba għad-dawl, iżd'huwa mhux id-dawl t'għajnejhom ried, imma ta' Rapyuta, it-tfajla li tilef jew tilfitu.

Maż-żmien, in-nies kważi nsietu, u meta kienet tiftakar fih kienet titkellem fuqu bi qlajjiet minn taħt l-ilsien. Kienu jgħidu li ħarstu kompliet inbelgħet 'il ġewwa, li spiċċa medhi bl-istramberiji li jsawwar moħħu flok bl-għeġubijiet li taf toffri d-dinja: Ma kontx tarah iserrep mas-saqajn jittanta jara ż-żfin żieni tat-tfajliet dakinhar tal-festa, jew iqasqas fuq dak u l-ieħor u fuq l-oħrajn kollha, jew jinħall fix-xorb fil-bar ta' taħt il-knisja.

Każ-żmien, in-nies insietu. U la ma ta fastidju 'l ħadd u ħadd ma kisirha minn miegħu, ħallewh jgħix fis-sliem, u fil-fantasiji fietla tiegħu fid-dinja li ben'għalih, fejn kien iħassel ifassal kastelli fl-ajru.

Ma' dħul ix-xitwa ta' sena minnhom, it-temp beda jagħqad aktar bikri mis-soltu. Is-sħab tar-riħ li kien jinġema' fuq daru beda minn jum għal ieħor jibdel surtu f'naqxa, imbagħad f'dahar il-fekruna. Dan kien ftit taż-żmien wara li Ameen lesta l-bini kollu tad-dar tiegħu u tella'u għamel l-aħħar irtokki fuq it-tromba. Min segwa t-temp sew f'dal-inħawi ta' dil-gżira forsi ttenda li l-irdieden ma segwewx sewwasew l-irjiħat u l-irwiefen previsti mill-irwiegel, li x-xita ma raxxitx sewwasew meta kellha traxxax, u li x-xemx u n-nida kisru l-patt li daħlu fih f'Santa Luċija.

Sa Settembru, Ottubru, l-għerejjex kienu ġa ngħaqdu f'ħajbur xitwi; is-sħab tela' bħal swar samm iswed dlam. Bit-toqol apparenti tiegħu jgħaġġbek kif żamm għal tant żmien hemm fuq, bl-għoli tiegħu taħseb li mhu se jinfdu xejn. Nannti kont issibha tiskanta kif l-inġenji li bdew iġibu minn barra kienu xi minn daqqiet iduru magħhom jekk mhux jinfduhom ukoll. Daż-żmien kollu, Ameen kien iqattgħu fuq il-bejt, u meta tkun ix-xita jintefa' wara t-tieqa, jisseqqer wara l-ħġiġiet strambi tiegħu. Ruħu kienet bħal tixrob fiha dak is-sħab ... għal sigħat sħaħ, kien iħares fiss lejh u ħarstu kienet bħal timxi mal-ħitan lixxi tas-sħab, jekk mhux ukoll tmexxihom.

Minkejja kollox, it-toqla fl-ajru donnha bdiet tħeff sa tmiem Jannar dħul Frar, donnha x-xita li kienet tagħmel battlet is-smewwiet mis-swidija tagħhom, u baqa' biss ħajbur mill-abjad. Forsi bħall-qoton, tgħidli, forsi bħat-tajjar, jos-suf tan-nagħaġ, imma l-bjuda li baqgħat kienet ħafn'aktar eleganti minn hekk: Aktar kienet qisha sensiela ta' palazzi kbar miksija bil-ħarir, b'kull ġebla tax-xewka magħmula minn irħam maqtugħ mill-qamar, b'kull fetħa fil-ħitan bħal tieqa għal fuq ix-xemx.

Darba, meta kulħadd kien għoddu nsieh, Ameen tela' fuq il-bejt, fetaħ is-sellum, u għollieh sa ma deherlu sewwa, tela' miegħu, u ma reġa' deher qatt aktar. In-nies kienet tgħid, "Tiftakru dak ir-raġel li kien jgħix fis-sħab?" U xi drabi għadek issib xi wħud, illum daqs nannti, li jieqfu jħarsu lejn dik li kienet daru, u jagħtu daqqtejn b'rashom bħal donnhom qed jiftakru – xi mkien 'il-bogħod fiż-żmien – 'il wieħed ħalliem li kien jibni l-kastelli fl-ajru.

"Papà, pa, papà, erġ'ibdieha!" Pete jħares lejja, għajnejja ma niflaħhomx, għajnejh iridu jaqbżu. "Mhux issa, mhux illum. Forsi għada." Jien stess nixtieq li għada nerġa' ngħidha – dil-ġrajja ma negħja qatt nibdieha, imma nammetti li tmiemha xtaqtu forsi kien mod ieħor, imma ma nafx … jien min jien biex storja nixtieqha mod ieħor?

"Pa, u dik il-kelma li tgħidli fl-aħħar nett, x'inhi papà?" 'Il Pete nitbissimlu; id-dettalji – bħal nannti – jiftakarhom aħjar minni, u ngħidlu li, "Dakinhar li Ameen għeb, is-sema sfat qawwara."

* * *

Jien u għaddej minn ħdej'il-kantuniera bid-dar tat-tromba kbira dejjem nieqaf naħseb fil-ġrajja li kien jgħidli missieri. Fuq kull naħa tagħha hemm torri, u l-permess magħha twaħħal ukoll. Niftakru, lil missieri, jgħidli fuq dar-raġel b'isem stramb u t-tfajla li ġennitu, fuq kif inħeles mill-art u tela' s-sema. Għadni sal-lum ma nafx kienx jemminha dil-ġrajja, jew le. U jien u nħares 'il fuq b'qalbi tqila trid taqa' mal-art, niftakar x'kien jgħidli dwar nanntu wara li ttemm kull rakkont preċiż bħal ta' qablu: Li kien ikollha, f'għajnejha, żlieġa bħal qawwara.